MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 254/2002/1

**Clyde Kelly**

**vs**

**Marie Clare Edgar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta' Gunju 1996 izda sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Debono tas-6 ta' April 2000 (Dok. "A").

Illi miz-zwieg taghhom huma ghandhom tifla jisimha Emma li twieldet fil-21 ta' Novembru 1998.

Illi fl-ismemmi kuntratt ta' separazzjoni gie miftiehem:-

2. (a) Illi l-kura u l-kustodja tal-bint minuri tal-esponenti u cjoe' Emma Kelly ta' sena qed tkun fdata f'idejn il-komparenti ommha Marie Clare Kelly, b'dan li decizjonijiet importanti dwar l-edukazzjoni, sahha u t-trobbija tajba tal-minuri ghandhom jittiehdu bi qbil bejn iz-zewg partijiet.

Illi fil-klawsola 2 (d) gie miftiehem wkoll li:-

2. (d) Il-komparenti konjugi jaqblu u jiftiehmu li m'ghandhomx jesponu lill-minuri binthom Emma Kelly ghal sitwazzjonijiet u cirkostanzi li jistghu jinfluwenzaw b'xi mod negattiv it-trobbija morali tal-minuri imsemmija.

Illi ricentement l-attur sar jaf li l-konvenuta qeghda tikkoabita f'relazzjoni ntima u lesbjana ma' certa Marisa Portelli.

Illi l-attur jaf li din ir-relazzjoni tal-omm qieghda tiddisturba lill-minuri u qed tkun ta' nfluwenza negattiva ghat-trobbija morali tat-tifla Emma Kelly.

Illi l-attur kien qieghed jittama li l-konvenuta thassar din ir-relazzjoni, tant li din informatu li kienet ser taghti decizjoni sal-ahhar ta' Frar 2002. Illi fis-27 ta' Frar 2002 l-konvenuta nformat lill-attur li ma kienetx sejra titlaq minn fejn hi u l-attur sar jaf li martu qalet:-

*"Meta t-tifla tikber taghzel hi – jekk taghzel li tkun bhal ommha m'hemmx taghmel".*

Illi l-attur ma jistax jittollera lil bintu titrabba f'dak l-ambjent u ghalhekk ihoss li jekk huwa jkollu l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri u din tirrisjedi mieghu, dan ikun ta' beneficcju ghall-minuri.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tafdalu l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Emma Kelly u tipprovdi dwar il-modalita' ta' access tal-ommm ghat-tifla.

(2) Tordna li jithassru u/jew jigu modifikati dawk il-partjiet tal-klawsoli 2 u 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Joseph Debono tas-6 ta' April 2000 sabiex dawn jigi konsonanti ma' dak li jigi deciz fl-ewwel talba.

(3) Tahtar Nutar sabiex jippubblika l-kuntratt opportun, tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess u tinnomina kuratur ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat l-lista ta' xhieda u l-elenku ta' dokumenti a fol. 4 sa fol. 13 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur datat 4 ta' Marzu 2002 fejn talab li tigi akkordata lilu l-kura u l-kustodja tal-minuri *pendente lite.*

Rat id-digrieti tal-Qorti datati 5 ta' Marzu 2002 u 22 ta' Marzu 2002.

Rat l-affidavit tal-attur datat l-1 ta' April 2002 a fol. 31 tal-process.
Rat ir-rikors tal-attur datat 10 ta' Mejju 2002 u d-digriet ta' din il-Qorti datat 13 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Mejju 2002; tal-20 ta' Gunju 2002 fejn xehdu Dr. Paul Mallia u Fr. William Axiak; tad-29 ta' Ottubru 2002; tad-9 ta' Jannar 2003 fejn xehdet Sister Michela Paris li pprezentat id-Dok. "MP1" li jikkonsisti f'affidavit f'sitt pagni, u nghata digriet fejn il-Qorti ordnat lill-konvenuta biex tindika lill-Qorti permezz ta' nota fi zmien sebat ijiem l-indirizz taghha u fejn qed tghix mal-minuri, b'dan li tali nota ghandha tkun disponibbli biss lill-Qorti. Il-Qorti ordnat ukoll lill-attur biex ghall-ebda raguni ma jersaq lejn ir-residenza tal-konvenuta anke jekk jsir jaf l-indirizz, u dan inkluz ukoll ghall-membri tal-familja tieghu. Dr. Peter Borg Costanzi ddikjara li ma ghandux provi izjed; tat-18 ta' Marzu 2003; tal-10 ta' April 2003; u tas-27 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 30 ta' Mejju 2002 a fol. 49 tal-process fejn eccepiet:-

(1) Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-minuri Emma Kelly qieghed ikollha trobbija mill-aqwa fil-kura u l-kustodja ta' omma l-konvenuta Marie Clare Edgar sia mill-att edukattiv, mis-sahha u minn kull aspett iehor.

(2) Illi huwa l-attur li qieghed jesponi lill-minuri Emma ghal *"sitwazzjonijiet cirkostanzi li jinfluwenzaw b'mod negattiv it-trobbija morali"* tal-minuri u dan billi l-attur qieghed jikkoabita ma' mara ohra u qieghed iraqqad lill-istess minuri fl-istess sodda tal-konkubina tieghu. *Inoltre* fil-waqt li l-attur jitkaza minn dik li jsejjah bhala *"relazzjoni ntima u lesbjana"* ta' martu fl-istess waqt ma jikkoppa xejn li waqt il-hin ta' l-access ihalli lil bintu Emma ma' ohtu li hija lesbika pura u fil-fatt tghix u tikkoabita ma' mara ohra lesbika pura.

(3) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista ta' xhieda a fol. 50 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 14 ta' Gunju 2002.

Rat ix-xhieda ta' Dr. Paul Mallia u Father Willaim Asciak datati 20 ta' Gunju 2002, l-affidavit ta' Robert kelly datat 22 ta' Lulju 2002 a fol. 61 tal-process; l-affidavit ta' Sister Michela Paris tad-9 ta' Jannar 2003 u x-xhieda taghha stess tal-istess gurnata.
Rat in-nota tal-konvenuta datat 29 ta' Jannar 2003 u tordna li din in-nota tigi ssigillata fil-process ghad-dispozizzjoni biss tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 9 ta' Jannar 2003 u d-Digriet ta' din il-Qorti datat 9 ta' Jannar 2003 fejn cahdet it-talba proposta mill-konvenuta.

Rat l-istess rikors tat-2 t'Ottubru 2003, u r-risposta tal-konvenuta datata 6 t'Ottubru 2003.

Rat il-verbal tas-7 t’Ottubru 2003 fejn in vista tar-rikors tal-attur tat-2 t’Ottubru 2003 il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u halliet il-kawza ghall-provi kollha tal-partijiet ghas-16 t’Ottubru 2003.

Rat il-verbali tas-16 t’Ottubru 2003 fejn xehdu l-partijiet u Marisa Portelli u fic-cirkostanzi l-Qorti ffissat inkontru mal-minuri; tat-23 t’Ottubru 2003 fejn il-Qorti kellmet lill-partijiet u lill-minuri wahedhom, u fuq talba tad-difensuri l-kawza giet differita ghal tranzazzjoni; tad-29 t’Ottubru 2003 fejn ma deher hadd; u tal-11 ta’ Novembru 2003 fejn il-partijiet iddikjaraw li bhala access attwalment il-konvenuta jkollha t-tifla minn nhar ta’ Hadd fil-ghaxija sal-Gimgha fil-5:00 p.m., filwaqt li r-ragel ikollu access mill-Gimgha fil-5:00 p.m. sal-Hadd sas-6:00  jew is-7:00 p.m.  Dr. Luciano Busuttil ghall-konvenuta ssottometta li l-kura u kustodja ghandha tibqa’ f’idejn il-konvenuta esklussivament.  Id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 27 ta’ Novembru 2003.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 31 t’Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-Qorti rat l-affidavit tal-attur **Clyde Kelly**, li pproduca *viva voce* bhala xhieda wkoll lil **Dr. Paul Mallia**, lil **Fr. William Asciak** u lil **Sister Michaela Paris**, apparti li pprezenta anke affidavits tal-istess **Sister Michaela Paris** u ta’ **Robert Kelly** u x-xhieda kollha l-ohra prodotta u thoss li ghandha tghid dan li gej fl-isfond tal-provi kollha prodotti.

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li jitbiddlu l-kundizzjonijiet miftiehma dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri bint il-partijiet minn dawk kif miftiehma mal-konvenuta fil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejniethom datat

6 ta' April 2000 ppubblikat minn Nutar Joseph Debono u esebit a fol. 6 tal-process, u dan ghaliex qed isostni li l-konvenuta qed tesponi lill-minuri ghar-relazzjoni taghha ma' mara ohra li anke qed tghix maghha.

Illi huwa ovvju li din il-Qorti ghandha kompetenza sabiex taghmel dan a tenur tal-**artikolu 61 tal-Kap 16** li jiddisponi li:-

*"(1) Kull ftehim bejn il-mara u r-ragel dwar il-kustodja tat-tfal jista', f'kull zmien, fuq talba tal-mara jew tar-ragel jew ta' xi qarib ta' xi hadd minnhom, jigi annullat mill-Qorti kompetenti, meta jkun mehtieg ghall-gid tat-tfal.*

*(2) F'dak il-kaz, il-Qorti ghandha tiddeciedi f'idejn min ghandhom jigu moghtija t-tfal, u kif ghandhom jitmantnew u jigu edukati".*

Illi mela jidher li l-kompetenza tal-Qorti kif kostitwita hija stabbilita, izda din il-Qorti thoss li tali fakolta' ghar-rikors lejn il-Qorti kellu wkoll jindika lill-minuri u dan b'mod direttament, ghalkemm forsi l-kliem *"qarib ta' wiehed minnhom"* jinkludi l-istess ulied; xorta pero' ghandu jigi ndikat l-mod li l-istess minuri jigu rapprezentati, specjalment meta l-interessi tal-minuri jkunu differenti minn dawk tal-genituri taghhom, u dan kollu fil-kuntest tal-kuncett massimu tal-interess suprem tal-istess minuri.

Illi dwar li f'din il-kawza l-attur ressaq il-provi kollha tieghu, tant li ddikjara li ma ghandux provi izjed, u meta l-kawza kienet fi stadju ta' provi tal-konvenuta, Dr. Peter Borg Costanzi ghall-attur b'verbal tat-18 ta' Marzu 2003 iddikjara li dment li l-konvenuta ma tistabbilixxix relazzjoni aperta ma' mara ohra fil-prezenza tal-minuri, l-attur ma jsibx oggezzjoni li l-omm ikollha l-kura u l-kustodja b'dan li l-access prezenti jinzamm (u jirriserva li jipprezenta d-dettalji b'nota), u l-attur jigi mgharraf bir-residenza tal-minuri (jekk din tinbidel), u jkollu l-jedd jivverifika l-premess.

Illi l-Qorti in vista tal-premess ordnat lill-konvenuta sabiex fi zmien sebat ijiem mid-data tad-digriet taghha tindika

b'nota guramentata jekk fir-residenza minnha ndikata hix qed tghix wahedha jew ma' terza persuna, hija min hija, anke tal-istess sess. Il-Qorti attirat l-attenzjoni tal-konvenuta dwar is-serjeta' tal-gurament u li tghid il-verita' u fin-nuqqas li tigi pprezentata tali nota, apparti li l-Qorti tiehu l-provvedimenti opportuni, tghaddi biex tiddeciedi t-talbiet kollha attrici.

Illi b'nota guramentata tal-konvenuta datata 26 ta' Marzu 2003 l-istess konvenuta ddikjarat li:-

*"Li biha qed tiddikjara u tikkonferma illi hija tghix fil-fond Victoria Court, Flat 1, Triq Cassarino, San Pawl iI-Bahar flimkien ma' bintha Emma Kelly wahedha u minghajr il-prezenza ta' terzi persuni li maghhom jista' jkollha xi forma ta' relazzjoni ntima".*

Rat in-nota tal-attur datata 8 ta' Mejju 2003 fejn l-istess attur iddikjara:-

*"Illi in vista tac-cirkostanzi li sehhew waqt l-andament ta' din il-kawza u partikolarment mill-fatt li jirrizulta li ricentement il-konvenuta qatghet kull relazzjoni li hija kellha ma' Marisa Portelli, l-esponenti jiddikjara li:-*

*(1) huwa dispost illi l-kura u kustodja tibqa' affidata lill-konvenuta;*

*(2) l-access jibqa' kif hemm dispost fil-kuntratt ta' separazzjoni b'dan illi l-esponeti jkollu d-dritt ikun jaf fejn tkun qieghda tirrisjedi l-minuri u inoltre li l-konvenuta ma tistabbilixxix relazzjoni lesbika fil-prezenza tat-tifla".*

Illi rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju 2003 fejn Dr. Gavin Gulia ghall-konvenuta ddikjara li jaqbel man-nota tal-attur tat-8 ta' Mejju 2003 b'dan li l-konvenuta tobbliga ruhha li t-tifla ma tigix esposta ghal ebda agir li jista' jkun dannuz ghall-istess, u l-partijiet qablu li dak miftiehem ghandu jigi nkorporat fid-decizjoni tal-Qorti.

Illi in vista ta' dan il-verbal din il-Qorti b'digriet taghha datat l-1 ta' Lulju 2003 cahdet it-talba tal-attur ghall-kura u

kustodja *pendente lite* avvanzata minnu b’rikors tal-4 ta’ Marzu 2002.

Illi pero’ gara li b’rikors tal-attur datat 2 ta’ Ottubru 2003 huwa talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza peress li sostna li kien hemm bdil ta’ cirkostanzi, u ma kienx lest li joqghod ghall-ftehim minnu ssuggeriet fis-seduti precedenti peress li l-istess konvenuta kellha relazzjoni lesbika ma’ certa Debbie McKeon u dan qed jigi ezercitat appertament b’dannu ghall-istess minuri, allegazzjoni li l-konvenuta cahdet fir-risposta taghha datata 6 ta’ Ottubru 2003.

Illi mill-provi prodotti sussegwenti ghall-istess rikors l-konvenuta sostniet li hija kienet ghadha qed tghix wahedha mat-tifla minuri fil-post fejn gie ndikat f’dawn l-atti, ghalkemm ammettiet li hija kellha relazzjoni ntima ma’ l-indikata persuna ghal cirka sitt (6) xhur fir-rikors tal-attur appena citat, izda ma kien qed issir xejn li jista’ jesponi lill-minuri ghal xi abbuz, ghalkemm l-istess minuri ltaqghet mal-imsemmija persuna li gieli dahlet id-dar. Cahdet li hadet lil-istess minuri f’xi *bars* li jigu ffrekwentati mill-istess imsemmija persuna.  Sostniet li l-istess minuri gieli harget mal-istess imsemmija persuna Debbie.

Illi min-naha tieghu l-attur spjega li huwa ghamel ir-rikors ghaliex il-konvenuta kienet biddlet il-*partner* taghha u llum ghandha relazzjoni ma’ din Debbie u l-istess tifla qed taghmel hafna hin mal-istess imsemmija persuna pero’. L-attur pero’ cahad li qatt ra lill-minuri f’xi *bars*.  Huwa sostna li kien accetta l-ftehim fil-mori tal-kawza ghaliex kellu l-hsieb li l-istess kontendenti jerghu jmorru flimkien, ghalkemm huwa kien qed jghix ma’ mara ohra, izda meta ra li dan ma sehhx, anzi l-konvenuta kellha partner ohra ghamel l-istess rikors ghaliex huwa konvint li huwa fl-interess tal-minuri, li fic-cirkostanzi li l-kura u l-kustodja tkun f’idejh. Peress li huwa komputista jkun jista jqassam il-hin tax-xoghol sabiex huwa jkun fil-prezenza tal-istess minuri jekk jista’ jkun anke fil-ghodu. Huwa ssuggerixxa li jbiddel il-pozizzjoni tieghu ma’ dik tal-konvenuta b’dan li l-istess minuri tghix mieghu u fil-*weekend* tkun mal-konvenuta, bir-rwoli prezenti ghalhekk jigu nvertiti. L-attur

baqa' jinsisti li ghamel l-istess ftehim fil-mori ghaliex kellu speranza li l-konvenuta terga' tmur lura tghix mieghu u kienet ilha tghidlu hekk tliet snin u nofs. Fil-fatt sostna li kien jaf li l-istess konvenuta kellha din ir-relazzjoni ma' mara ohra f'Gunju jew Lulju 2003 u ghamel ir-rikors f'Ottubru 2003 ghaliex sa dakinhar ma kellux provi bizzejjed.

Illi l-imsemmija Marisa Portelli xehdet fis-16 ta' Ottubr u 2003 u sostniet li hija kellha relazzjoni mal-konvenuta ghal erba' snin u din spiccat fl-1 ta' April 2003, izda ghalkemm hija kienet fil-prezenza tat-tifla qatt ma sar xejn li seta' jaffetwa negattivament lit-tifla ghaliex huma dejjem qaghdu attenti. Dan l-ahhar rat lill-konvenuta mal-*girlfriend* prezenti taghha f'karozza. Meta kellhom relazzjoni flimkien u l-konvenuta kienet tkun ix-xoghol l-istess minuri kienet tkun ghand omm l-konvenuta. Sostniet li l-konvenuta kienet qatghet minn maghha ghaliex qaltilha li kienet riedet tmur tghix mar-ragel taghha *"for the sake of Emma".* Sostniet li meta kellha din ir-relazzjoni mal-konvenuta, il-minuri kienet toqghod f'kamra u l-konvenuta u hija f'ohra.

Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu datata 31 ta' Ottubru 2003 l-attur talab li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandha tkun *joint,* izda li l-istess minuri tibqa' tghix mal-istess konvenuta bl-access ampju ndikat minnu fl-istess nota, u l-istess minuri ma ghandhiex tkun esposta ghall-ambjenti mhux xierqa specjalment f*'bars;* jekk l-omm ma' tkunx tista' zzomm it-tifla matul il-gurnata mela allura din ghandha taghmel fl-ewwel lok arrangamenti sabiex l-istess minuri tkun mal-missier; u fl-ahharnett sostna li jekk *"l-omm tistabbilixxi relazzjoni ma' mara ohra b'mod li huma jkunu jghixu flimkien, it-tifla m'ghandhiex tigi esposta ghal tali ambjent u r-residenza tat-tifla tghaddi ghal ghand il-missier".*

Illi wara li din il-Qorti rat dan kollu, u wara li l-istess Qorti kellha nkontru wkoll mal-istess minuri u anke mal-istess partijiet sabiex tipprova twassalhom ghall-ftehim fl-interess tal-istess minuri, hija thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-genituri tal-minuri ghandhom ghal qalbhom l-

interess tal-istess minuri, izda certament hemm dizgwid bejniethom dwar il-mod kif u fejn ghandha tghix l-istess minuri, principalment minhabba l-fatt li l-istess konvenuta, kif ammettiet hija stess, kellha u llum rega' ghandha relazzjoni lesbika ma' mara ohra, li ghalkemm ma jidhirx, u ma jirrizultax li sal-llum inghata xi skandlu lill-istess minuri, xorta wahda kellhom kuntatt mal-istess minuri, anke fir-residenza tal-istess konvenuta, fejn wahda minnhom kienet anke torqod hemm, mentri f'dik li hija r-relazzjoni attwali, l-istess mara ohra tkun fil-prezenza tal-minuri. Ma hemm l-ebda prova li l-istess minuri ttiehdet f'xi *bars* jew f'postijiet ohra ta' divertiment tal-adulti.

Illi min-naha l-ohra jidher li l-attur ghandu relazzjoni ma' terza persuna tas-sess oppost ghal tieghu ma' minn huwa jghix, izda l-konvenuta ma sabet ebda oggezzjoni ghal dan ghalkemm il-Qorti espremiet ir-riservi taghha dwar dan fil-prezenza taz-zewg partijiet.

Illi jidher car li l-minuri ghadha zghira wisq sabiex tifhem ezatt x'qed jigri madwarha, pero' ma hemm l-ebda dubju li jekk is-sitwazzjoni sejra tibqa' hekk ma ddumx ma tirrealizza bl-istess sitwazzjoni, u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ghandha tiehu provvedimenti idoneji sabiex tissalvagwardja l-interess tal-istess minuri, ghalkemm llum kif inhuma l-affarijiet ma' thossx li l-istess konvenuta ghandha tigi svestita mill-kura u l-kustodja tal-istess minuri.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun u tibqa' f'idejn l-istess konvenuta, kif kien sal-llum, *stante* li jidher li sal-llum l-istess konvenuta dejjem hadet hsieb sew tal-istess minuri u pprovdietha b'dak kollu li l-istess minuri ghandha bzonn mill-lat materjali tal-hajja taghha, u fil-fatt l-istess Qorti setghet tinnota li l-istess minuri ghandha attakkament kbir lejn ommha u fuq kollox hija ferhana maghha.

Illi madankollu xorta wahda thoss li d-decizjoni mportanti dwar l-istess minuri ghandhom jittiehdu bi qbil u kunsens tal-istess partijiet u dawn jinkludu l-edukazzjoni, sahha, u

trobbija tajba tal-istess minuri, inkluz fl-ambjent li l-istess minuri tghix fih.
Illi taht dan l-aspett din il-Qorti thoss li l-istess minuri ghandha tibqa’ tghix mal-omm fir-residenza attwali taghha minnha deskritta f’dawn il-proceduri, b’dan pero’ li waqt l-istess perjodu ta’ kura l-istess minuri ma ghandhiex tigi esposta ghall-ebda raguni ma’ terzi persuni anke tal-istess sess li maghhom l-istess konvenuta jista’ jkollha xi forma ta’ relazzjoni ntima, u f’dan il-kuntest hija nkluza persuna msemmija f’dawn il-proceduri li maghha l-istess konvenuta ammettiet li kellha relazzjoni ntima.  Fi kliem iehor il-konvenuta ghandha tara li l-istess minuri ma tkunx fil-prezenza tal-imsemmija terzi persuni anke ta’ tendenza lesbika li maghhom hija ghandha relazzjoni u dan f’kull lok u hin inkluz u partikolarment fil-post fejn l-istess minuri tghix u/jew torqod.

Illi l-istess attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri kull nhar ta’ Gimgha mill-hamsa ta’ fil-ghaxija (5:00 p.m.) sa kull nhar ta’ Hadd fis-sebgha ta’ fil-ghaxija (7:00 p.m.). liema access ghandu jigi ezecitat mill-attur fl-assenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li maghhom jista’ jkollu jew ghandu xi forma ta’ relazzjoni ntima li ma humiex familjari tal-istess attur.

Illi dwar il-granet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-istess minuri ghanda jkollha access f’festa mal-omm u fl-ohra mal-missier, b’mod li s-sena ta’ wara l-access ghall-istess festi jigi nvertit. Fil-*birthday* tal-omm l-istess minuri ghandha tkun mal-omm, u fil-*birthday* tal-missier l-istess minuri ghandha tkun mal-missier; fil-*birthday* tat-tifla f’sena tkun mal-omm u f’sena tkun mal-missier b’mod alternativ, b’dan li l-genitur li ma tkunx mieghu ghandu jkollu access fl-istess gurnata ghat-tifla ghall- perjodu ta’ saghtejn f’hinijiet li jiftehmu dwarhom il-partijiet.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha biss *in parte* u fis-sens hawn premess u deciz.

## <u>III.    KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa’ *in parte* l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, u tichad l-istess eccezzjonijiet ghall-kumplament, fl-interess suprem tal-istess minuri din il-Qorti **tilqa’ biss *in parte* t-talbiet attrici,** b’dan li ghalkemm il-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandha tigi fdata u ghalhekk tibqa’ f’idejn l-istess konvenuta, xorta wahda hemm lok li l-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-kondententi tas-6 ta’ April 2000 jigi varjat fl-interess tal-istess minuri, b’dan li l-istess kura u kustodja tal-minuri mill-konvenuta u l-access tal-attur ghall-istess minuri jigi ulterjorment regolat kif ser jigi ppruvdut f’din id-decizjoni, b’dan illi:-

(1) Tichad *in parte* t-talba attrici sabiex tafda lill-attur il-kura u kustodja tal-istess minuri Emma Kelly, b’dan li minflok il-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandha tibqa’ u tigi fdata f’idejn il-konvenuta ommha Marie Claire Kelly, b’dan li pero’ b’effett mid-data ta’ din is-sentenza d-decizjonijiet mportanti dwar l-istess minuri ghandhom jittiehdu bi qbil u kunsens tal-istess partijiet u dawn jinkludu l-edukazzjoni, sahha, u trobbija tajba tal-istess minuri, inkluz fl-ambjent li l-istess minuri tghix fih.

Illi taht dan l-aspett din il-Qorti tiddeciedi wkoll li l-istess minuri ghandha tibqa’ tghix mal-omm fir-residenza attwali taghha minnha deskritta f’dawn il-proceduri, b’dan pero’ li waqt l-istess perjodu ta’ kura l-istess minuri ma ghandhiex tigi esposta ghall-ebda raguni ghall-prezenza ta’ terzi persuni anke tal-istess sess li maghhom l-istess konvenuta jista’ jkollha u ghandha xi forma ta’ relazzjoni ntima lesbika, u f’dan il-kuntest hija nkluza persuna msemmija f’dawn il-proceduri li maghha l-istess konvenuta ammettiet li kellha relazzjoni ntima, b’dan li l-konvenuta ghandha tara li l-istess minuri ma tkunx fil-prezenza tal-imsemmija terzi persuni anke ta’ tendenza lesbika li maghhom hija ghandha relazzjoni u dan f’kull lok u hin, inkluz u partikolarment fil-post fejn l-istess minuri tghix u/jew torqod.

Illi min-naha l-ohra l-istess attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri kull nhar ta’ Gimgha mill-hamsa ta’ fil-ghaxija (5:00 p.m.) sa’ kull nhar ta’ Hadd fis-sebgha ta’ fil-

ghaxija (7:00 p.m.), liema access ghandu jigi ezercitat mill-attur fl-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex familjari tal-istess attur u li maghhom jista' jkollu jew ghandu xi forma ta' relazzjoni ntima

Illi dwar il-granet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-istess minuri ghandha jkollha access f'festa mal-omm u fl-ohra mal-missier, b'mod li s-sena ta' wara l-access ghall-istess festi jigi nvertit. Fil-*birthday* tal-omm l-istess minuri ghandha tkun mal-omm, u fil-*birthday* tal-missier l-istess minuri ghandha tkun mal-missier. Fil-*birthday* tat-tifla f'sena tkun mal-omm u f'sena tkun mal-missier b'mod alternattiv, b'dan li l-genitur li ma tkunx mieghu ghandu jkollu access fl-istess gurnata ghat-tifla ghall-perjodu ta' saghtejn f'hinijiet li jiftehmu dwarhom il-partijiet.

Illi fi kwalunkwe kaz kull parti li maghha jkun l-istess minuri ghandha tara li bl-ebda mod ma tesponi lill-istess minuri ghal sitwazzjoni u cirkostanzi li jista' jkollhom effett negattiv fuq l-istess minuri u li bl-ebda mod ma jesponu lill-istess minuri ghal xi forma ta' skandlu, b'mod li ghandhom jagixxu f'kull waqt b'mod dicenti quddiem l-istess minuri u l-istess partijiet ghandha jaraw li l-minuri fil-kura u access rispettiv maghhom ma ghandhiex jkollha access ghall-postijiet li ma humiex adatti ghat-tfal tal-eta' tal-istess minuri.

(2) Illi in vista tal-ewwel talba attrici kif attwalment deciza din il-Qorti tordna li l-klawsola 2 (a) (b) u (d) tal-kuntratt tas-separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono tas-6 ta' April 2000 jigu mhassra u jigu emendati u sostwiti b'mod li l-istess jigu konsonanti ma' dak li gie hawn deciz proprju konsegwenti ghall-ewwel talba attrici b'dan li l-istess klawsoli jigu jaqraw hekk:-

2 (a) *"Il-kura u l-kustodja tal-istess minuri Emma ghandha tibqa' u tigi fdata f'idejn il-komparenti ommha Marie Claire Kelly, b'dan pero' li d-decizjonijiet importanti dwar l-istess minuri ghandhom jittiehdu bi qbil u kunsens tal-istess partijiet u dawn jinkludu l-edukazzjoni, sahha, u trobbija tajba tal-istess minuri, inkluz fl-ambjent li l-istess minuri tghix fih.*

*Illi taht dan l-aspett, u skond id-decizjoni tal-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Clyde Kelly vs Marie Claire Edgar"** (Cit. Nru* 254/2002/RCP) deciza fis-27 ta' Novembru 2003, l-istess *minuri Emma ghandha tibqa' tghix mal-komparenti omm fir-residenza attwali taghha minnha deskritta fl-istess proceduri citati, b'dan pero' li waqt l-istess perjodu ta' kura l-istess minuri ma ghandhiex tigi esposta mill-istess komparenti Marie Claire Edgar ghall-ebda raguni ghall-prezenza ta' terzi persuni anke tal-istess sess li maghhom l-istess komparenti omm jista' jkollha u ghandha xi forma ta' relazzjoni ntima lesbika, u f'dan il-kuntest hija nkluza persuna ndikata fl-istess proceduri gudizzjarji, b'dan li l-istess komparenti omm il-minuri ghandha tara li l-istess minuri ma tkunx fil-prezenza tal-imsemmija terzi persuni anke ta' tendenza lesbika li maghhom hija ghandha relazzjoni, u dan f'kull lok u hin inkluz u partikolarment fil-post fejn l-istess minuri tghix u/jew torqod".*

2 (b) *"Illi min-naha l-ohra l-istess komparenti Clyde Kelly ghandu jkollu access ghall-istess minuri Emma kull nhar ta' Gimgha mill-hamsa ta' fil-ghaxija (5:00 p.m.) sa' kull nhar ta' Hadd fis-sebgha ta' fil-ghaxija (7:00 p.m.). liema access ghandu jigi ezecitat mill-istess komparenti missier fl-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex familjari tal-istess missier tal-minuri u li maghhom jista' jkollu jew ghandu xi forma ta' relazzjoni ntima.*

*Illi dwar il-granet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-istess minuri Emma ghanda jkollha access f'festa mal-omm u fl-ohra mal-missier, b'mod li s-sena ta' wara l-access ghall-istess festi jigi invertit. Fil-birthday tal-omm l-istess minuri ghandha tkun mal-omm, u fil-birthday tal-missier l-istess minuri ghandha tkun mal-missier. Fil-birthday tat-tifla f'sena tkun mal-omm u f'sena tkun mal-missier b'mod alternattiv, b'dan li l-genitur li ma tkunx mieghu ghandu jkollu access fl-istess gurnata ghat-tifla ghall-perjodu ta' saghtejn f'hinijiet li jiftehmu dwarhom il-partijiet komparenti".*

2 (d) *"Illi fi kwalunkwe kaz kull parti li maghha jkun l-istess minuri ghandha tara li bl-ebda mod ma tesponi lill-istess*

*minuri ghal sitwazzjoni u cirkostanzi li jista' jkollhom effett negattiv fuq l-istess minuri u li bl-ebda mod ma jesponu lill-istess minuri ghall xi forma ta' skandlu, b'mod li ghandhom jagixxu f'kull waqt b'mod dicenti quddiem l-istess minuri u l-istess partijiet ghandha jaraw li l-minuri fil-kura u access rispettiv maghhom ma ghandhiex jkollha access ghall-postijiet li ma humiex addattati ghat-tfal tal-eta' tal-istess minuri".*

Illi in vista li l-kura u kustodja (bl-imsemmija modifiki) baqghet f'idejn l-attrici u l-istess minuri ser tibqa' tghix taht l-istess kundizzjonijiet mal-attrici mhux qed tilqa' t-talba attrici in kwantu tirreferi ghat-thassir jew modifika tal-klawsola numru 3 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

(3) Tilqa' t-tielet talba u tinnomina lin-Nutar John Debono sabiex jippubblika l-att opportun, u tiffissa l-gurnata tat-19 ta' Dicembru 2003 fil-11:00.a.m f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri tal-Qorti, Valletta, sabiex jigu ppubblikati l-istess imsemmija emendi ghall-klawsoli 2 (a) (b) u (d) tal-kuntratt ta' separazzjoni tas-6 ta' April 2000 u tinnomina lil Dr. Robert Abela sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------